



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9643/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0186 (CNS)

COCON 9
VISA 134
FREMP 90

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 358 final - ANNEXES 1 to 2
Suġġett:	ANNEXI tal- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE u li tħassar id-Deċiżjoni 96/409/CFSP

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 358 final - ANNEXES 1 to 2.

Mehmuż: COM(2018) 358 final - ANNEXES 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2018
COM(2018) 358 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill

**li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE u li tħassar id-Deċiżjoni
96/409/CFSP**

{SEC(2018) 263 final} - {SWD(2018) 272 final} - {SWD(2018) 273 final}

ANNESS I
Formola uniformi tal-ETD tal-UE

Il-formola uniformi tal-ETD tal-UE għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

1. Disinn u daqs
Il-formola tal-ETD tal-UE għandha tkun b'disinn mitwi fi tlieta (folja waħda stampata miż-żewġ naħat u mitwija f'terzi). Meta tkun mitwija, id-daqs tal-formola għandu jikkonforma mal-istandard ISO/IEC 7810 ID-3.
2. Il-paġna tal-faċċata
Il-paġna tal-faċċata tal-ETD tal-UE għandu jkun fih, f'din l-ordni, il-kliem "UNJONI EWROPEA" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni u l-kliem "EMERGENCY TRAVEL DOCUMENT" u "TITRE DE VOYAGE PROVISOIRE".
3. It-twaħħil tal-istiker tal-ETD tal-UE
L-istiker tal-ETD tal-UE għandha tkun imwawhha mat-tieni paġna tal-formola uniformi tal-ETD tal-UE b'tali mod li ma tkunx tista' tinqala' faċilment. L-istiker għandha tkun allinjata u mwawhha mat-tarf tal-paġna. Il-parti tal-istiker li tista' tinqara mill-magni għandha tkun allinjata mat-tarf tal-paġna. It-timbru tal-awtoritajiet emittenti għandu jitqiegħed fit-taqsimha "KUMMENTI" b'tali mod li jitqiegħed kemm fuq l-istiker kif ukoll fuq il-paġna.
4. It-tielet paġna
It-tielet paġna għandu jkun fiha traduzzjoni ta' "Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni ħlief l-Ingliż u l-Franċiż.
5. Viża ta' tranżitu
Ir-raba' u l-ħames paġna għandu jkollhom l-intestatura "TRANSIT VISA – VISA DE TRANSIT" u fil-bqija għandhom jitħallew vojta.
6. Timbri tad-dħul / tal-ħruġ
Is-sitt paġna għandu jkollha l-intestatura "ENTRY / EXIT STAMPS – CACHETS D'ENTRÉE / DE SORTIE" u fil-bqija għandha titħalla vojta.
7. In-numru tal-istiker tal-ETD tal-UE
Il-kodiċi tal-pajjiż bi tliet ittri tal-Istat Membru emittenti kif stipulat fid-Dokument 9303 tal-ICAO u n-numru nazzjonali tal-istiker tal-ETD tal-UE msemmi fil-punt 6 tal-Anness II għandhom ikunu stampati minn qabel fuq kull paġna tal-formola tal-ETD tal-UE.
8. Il-karta
L-ETDs tal-UE għandhom ikunu stampati fuq karta tas-sigurtà (bejn wieħed u ieħor 90 g/m²), mingħajr aġenti illuminanti, bl-użu ta' marka tal-ilma standard "CHAIN WIRES" legalment protetta għall-fabbrikatur tad-dokument, b'żewġ fibri inviżibbli (blu u isfar, SSI/05) fluworexxenti taħt dawl ultravjola u reaġenti kontra t-tħassir kimiku.
9. Karatteristiċi addizzjonali ta' sigurtà
Għandha tintuża' t-teknoloġija tal-istampar segwenti:

- (a) STAMPAR B'INTALL, *recto* inkluż it-test f'paġna 1, l-immaġni latenti u l-mikrostampar b'inka b'rifless ikħal;
- (b) OFFSET, *recto* u *verso*, f'żewġ kuluri u IRIS;
- (c) l-ewwel: test, b'rifless ikħal;
- (d) it-tieni: sfond antiscanner b'ikhal car;
- (e) it-tielet: sfond guilloche b'effett IRIS b'zewg kuluri, ahdar u vjola, it-tieni wiehed bi fluworexxenza safra taht dawl UV.

L-inka użata trid tkun reżistenti għall-ikkupjar u kull tentattiv li ssir kopja bil-kulur għandu jissarra f'tibdil fil-kulur li faċilment wieħed jinduna bih. Barra minn hekk, minn tal-anqas kulur wieħed għandu jkun fih aġenti fluworexxenti. L-inka għandu jkun fiha wkoll reaġenti kontra t-tħassir kimiku.

10. Il-forom tal-istampar

Għandhom jintużaw forom tal-istampar bi sfond guilloche multikuluriti u pproċessati ddisinjati speċifikament għall-formola tal-ETD tal-UE b'mikrotipi integrati.

11. Il-ħżin tal-formoli vojta tal-ETD tal-UE

Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' falsifikazzjoni u kontrafazzjoni, l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw il-ħżin protett mis-serq tal-formoli vojta tal-ETD tal-UE.

ANNESS II
Stiker uniformi tal-ETD tal-UE

L-istiker uniformi tal-ETD tal-UE għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet segwenti:

Karatteristiċi tas-sigurtà

1. Għandu jkun fiha ritratt bil-kulur integrat ta' wiċċ id-detentur, prodott bi standards ta' sigurtà għolja. L-istampa tal-wiċċ għandha tkun dik użata għall-finijiet tal-Artikolu 4(2).
2. Għandu jkun fiha element ta' identifikazzjoni diffrattiv ottikament varjabbli ("Kinegram" jew ekwivalenti). Skont l-angolu minn fejn wieħed iħares lejha, għandhom ikunu jidhru, f'diversi daqsijiet u kuluri, l-ittri "EU", "EUE" u l-linji kinematiki tat-tip guilloche.
3. Għandha tinkludi l-kodiċi tal-pajjiż bi tliet ittri kif stipulat fid-Dokument 9303 tal-ICAO dwar id-dokumenti tal-ivjaġġar tal-Istat Membru emittenti li jistgħu jinqraw mill-magni f'kolorazzjoni ottikament varjabbli. Skont l-angolu minn fejn wieħed iħares lejha, il-kodiċi tal-pajjiż għandu jidher f'diversi kuluri.
4. Dawn li ġejjin għandhom jidhru b'ittri kapitali:
 - (a) l-abbrevjazzjoni "EU ETD"; l-Istat Membru li jassisti jista' jinkludi t-terminu ekwivalenti b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni;
 - (b) l-isem tal-Istat Membru li jassisti, bl-Ingliż, bil-Franċiż u b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni;
 - (c) il-kodiċi tal-pajjiż bi tliet ittri tal-Istat Membru li jassisti, kif stipulat fid-Dokument 9303 tal-ICAO.
5. Għandu jkun fiha n-numru nazzjonali b'disa' figuri tal-istiker tal-ETD tal-UE f'orjentazzjoni orizzontali, stampat minn qabel bl-iswed. Għandu jintuża tip ta' font speċjali.
6. Għandu jkun fiha n-numru nazzjonali b'disa' figuri tal-istiker tal-ETD tal-UE f'orjentazzjoni vertikali, stampat minn qabel bl-aħmar. Għandu jintuża tip ta' font speċjali, differenti minn dak użat fil-punt 5.
7. Għandu jkun fiha l-ittri "EU" b'effett ta' immaġni latenti. Dawk l-ittri għandhom jidhru skuri meta wieħed ixaqlibha 'l bogħod minnu u ċari meta mbagħad tixxaqleb b'90°.
8. Għandu jkun fiha l-kodiċi kif imsemmi fil-punt 3 b'effett ta' immaġni latenti. Dak il-kodiċi għandu jidher skur meta wieħed ixaqlibha 'l bogħod minnu u ċar meta mbagħad tixxaqleb b'90°.

It-taqsimiet li jridu jimtlew

Id-deskrizzjoni tat-taqsimiet li jridu jimtlew għandha tidher bl-Ingliż u bil-Franċiż. L-Istat Membru emittenti jista' jżid traduzzjoni b'lingwa oħra tal-Unjoni.

Id-dati għandhom jinkitbu kif ġej: żewġ figuri għan-numru tal-jum: l-ewwel figura tkun zero jekk il-jum inkwistjoni jkun b'figura waħda; żewġ figuri għax-xahar: l-ewwel figura tkun zero jekk ix-xahar inkwistjoni jkun b'figura waħda; żewġ figuri għas-sena, li jikkorrispondu għall-aħħar żewġ figuri tas-sena. Wara l-jum u x-xahar għandu jkun hemm sing. Pereżempju: 20-01-18 = l-20 ta' Jannar 2018.

L-istiker uniformi tal-ETD tal-UE għandu jkun fiha t-taqsimiet segwenti li jridu jimplimentaw:

9. Taqsima li tibda bil-kliem “għal vjaġġ wieħed lejn” u l-kliem “li jgħaddi minn” għandu jidher f’tit wara fl-istess linja. Hawnhekk l-awtorità emittenti għandha tindika l-pajjiż tad-destinazzjoni u kull pajjiż ta’ tranżitu li għaliha jinħareġ l-ETD tal-UE.
10. Taqsima li tibda bil-kliem “validu minn” u l-kelma “sa” għandha tidher f’tit wara fl-istess linja. Hawnhekk l-awtorità emittenti għandha tindika l-perjodu ta’ validità tal-ETD tal-UE.
11. Taqsima li tibda bil-kliem “maħruġ minn”, li għandha tintuża biex tindika l-awtorità emittenti li toħroġ l-ETD tal-UE u l-post fejn din tinsab. F’tit wara fl-istess linja għandha tidher il-kelma “fi”, li warajha għandha titniżżel id-data tal-ħruġ mill-awtorità emittenti.
12. Taqsima li tibda bil-kliem “Kunjom, Isem”. F’tit wara fl-istess linja għandha tidher il-kelma “Nazzjonalità”.
13. Taqsima li tibda bil-kliem “Data tat-twelid”. F’tit wara fl-istess linja għandu jidher il-kliem “Post tat-twelid”.
14. Taqsima li tibda bil-kelma “kummenti”. L-isparzju taħt il-kelma “kummenti” għandu jintuża mill-awtorità emittenti sabiex tindika kull informazzjoni neċessarja oħra, pereżempju t-tip u n-numru tad-dokument sostitwit.

Informazzjoni li tista’ tingħana mill-magni

15. L-istiker tal-ETD tal-UE għandu jkun fiha l-informazzjoni rilevanti li tista’ tingħana mill-magni biex tiffaċilita l-kontrolli fil-fruntieri esterni. Il-parti li tista’ tingħana mill-magni għandu jkun fiha test stampat fl-istampar tal-isfond viżibbli bil-kliem “Unjoni Ewropea” bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Dan it-test ma għandux jaffettwa l-karatteristiċi tekniċi tal-parti li tista’ tingħana mill-magni jew il-fakultà li din tkun tista’ tingħana.
16. Għandu jitħalla spazju għall-possibbiltà li tizzied barcode 2D komuni.